2024/2582

30.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2582

tas-27 ta' Settembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/963 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Golf

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-Reġjun tal-Golf u adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/963 ([1]) li taħtar lis-Sur Luigi DI MAIO bħala dak ir-RSUE mill-1 ta' Ġunju 2023 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja għal dak il-perjodu jiġi aġġornat.

(3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/963 tiġi emendata kif meħtieġ.

(4) Ir-RSUE għandu jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/963, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2023 sat-28 ta' Frar 2025 għandu jkun ta' EUR 1 980 000,00."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/963 tal-15 ta' Mejju 2023 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Golf (ĠU L 129, 16.5.2023, p. 12).